# BIRKIRKARA TUL IS-SEKLI

**Minn Sal**

Il-kobor ta' Birkirkara hu mibni fuq sisien mill-aktar qawwija. Hawnhekk illum m'aħniex ser insemmu l-kobor ta' wlied Birkirkara li għamlu ġieħ mhux żgħir lil din ommhom. Lanqas ma ser nirreferu għall-fdalijiet preistoriċi (bħalma huma l-"*cart ruts*" magħrufin tagħna) u fdalijiet storiċi aktar reċenti (bħalma hu t-torri ta' żmien ir-Rumani fl-Għargħar fejn kienet l-ewwel Parroċċa ta' Santa Liena). Lanqas ma ser insemmu l-limiti territorjali kbar, anzi enormi, tagħha li kienu jiġbru fihom kważi nofs Malta; u lanqas il-Qorti indipendenti li l-Papa Urbanu VIII waqqaf f'din l-ewwel Kolleġġjata ta' Malta u Għawdex u li kellha l-ġurisdizzjoni tagħha bħalma kellhom il-Qrati l-oħra tal-Granmastru, ta' l-Isqof u ta' l-Inkwiżitur. Iżda f'din il-kitba qed nillimitaw ruħna għal dak il-kobor ta' Birkirkara li hu ġej mill-privileġġi singolari, drittijiet, prerogattivi u eżenzjonijiet li tgawdi u li gawdiet għal ħafna żmien, u li minħabba fihom kien intqal li filwaqt li Ruma kienet il-kap ewlenija tad-dinja, Birkirkara kienet tiġi dritt warajha ("*Roma caput mundi, Birchircara secundi*").

## PRIVILEĠĠI

Meta fis-seklu l-ieħor id-dokumenti li jinsabu kkonservati fl-Arkivju tal-Kolleġġjata kienu ġew mgħarblin biex jiġi stabbilit jekk dawn il-privileġġi kinux tassew jeżistu, il-Kapitlu Elenjan kien ġie mħeġġeġ biex jibża' għal dawn il-privileġġi u drittijiet kollha u jżommhom bla mittiefsa, u li kellu jagħmel użu sħiħ minnhom. Dawn kellhom jiġu meqjusa bħala rigali prezzjużi li ġew konċessi lil din il-Kolleġġjata u lil Birkirkara mill-Knisja Mqaddsa Rumana l-aktar sabiex tkompli tikber il-qima 'l Alla u d-devozzjoni lill-Patruna Santa Liena, kif ukoll sabiex isir ġid akbar lid-devoti u l-poplu t'Alla.

Fost il-privileġġi li tgawdi Birkirkara hemm dawn li ġejjin:

1. Il-Prepostu jgawdi privileġġ veskovili, konċess lilu mill-Papa Benedettu XIII fl-1727, li jista' jagħti pieni skond il-liġi kanonika.
2. Meta l-Kapitlu jidħol fil-Knisja ta' xi Parroċċa oħra, fil-bieb ikun hemm il-Kappillan biex jilqgħu. Dan ma jroxx fuq il-Kanonċi l-ilma mbierek, iżda jagħti l-asperges lil kull wieħed minnhom biex hu jbierek lilu nnifsu.
3. Żewġ Papiet ikkonċedew lill-Kanonċi ta' Birkirkara l-privileġġ li jilbsu Salib tad-deheb imdendel minn kurdun ta' ħarir isfar u mżewwaq bid-deheb.















4. Birkirkara hija l-unika Parroċċa f'Malta fejn il-Purċissjoni titulari ssir filgħodu, dritt qabel il-Quddiesa solenni Prepożitali.

5. Il-Prepostu għandu l-privileġġ speċjali ta' Sedja miksija bil-ġild u mgħollija fuq tliet tarġiet u b'ġinokkjatur quddiemha fil-Kor, u ta' Sedja oħra fuq il-Presbiterju.

6. Fil-funzjonijiet Prepożitali, il-Kanonku Dekan jassisti 'l-Prepostu bil-kuda maħlula tal-kappamanja. Mal-Prepostu jkun hemm ukoll bħala assistenti tiegħu iż-żewġ Kanonċi lanqas anzjani.

7. Meta, barra mill-Belt Valletta, Malta kienet maqsuma fi tliet Distretti, is-Seduti tal-Maġistrati għat-Tieni Distrett kienu jsiru f'Birkirkara.

8. Il-Kapitlu għandu l-privileġġ mogħti lilu mill-Papa San Piju X li jkollu l-Mazzier bil-mazza tal-fidda b'Sant'Elena fuqha.

9. Il-Kolleġġjata għandha t-titlu għoli ta' Insinji jew Perinsinji, bil-privileġġi kollha li jmorru ma' dan it-titlu.

10. Bħall-Isqfijiet, il-Prepostu jiġi nċensat bi tliet tiri għal tliet darbiet ("*triplici ductu cum triplici ictu*"), filwaqt li l-Kanonċi żewġ tiri ta' inċens għal tliet darbiet ("*triplici ductu cum duplici ictu*"). Lill-Prepostu jinċensah id-Dekan, waqt li l-oħrajn kollha jiġu nċensati mit-turiferarju.

11. Meta daħlet il-ferrovija f'Malta, din bdiet tgħaddi minn Birkirkara fi triqtha mill-Belt għall-Imdina. L-Istazzjon ta' maġenb il-Knisja l-Qadima kien wieħed mill-akbar ta' Malta.

12. Meta daħal it-tram, waħda mit-tliet destinazzjonijiet finali u terminali tiegħu kienet ukoll Birkirkara.

13. Fil-Magħmudijiet u ż-Żwiġijiet il-Parroċċa ta' Birkirkara kienet kważi l-unika li tuża r-Rit Gallikan u timxi fuqu.

14. Il-Kanonċi għandhom il-privileġġ li jilbsu wkoll is-Salib ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Barra minn hekk, huma jgawdu d-drittijiet, privileġġi, immunitajiet, eżenzjonijiet, preminenzi, prerogattivi, konċessjonijiet, favuri u fakultajiet kollha li għandu l-istess Ordni tal-Kavallieri ta' Malta u l-Kappillani Konventwali tiegħu.

15. Il-Prepostu, għalkemm huwa "*primus inter pares*", għandu l-preċedenza fuq il-Kanonċi l-oħra kollha, inkluż l-Ebdomadarju.

16. Filwaqt li l-Kanonċi tal-Kolleġġjata l-oħra kellhom jagħmlu genuflessjoni quddiem l-Isqof Djoċesan, il-Kanonċi ta' Birkirkara għandhom jagħmlulu inkin biss.

17. Il-Papa Pawlu VI għolla l-Kolleġġjata Elenjana għad-dinjità ta' Bażilika Sagrosanta. B'hekk il-Kapitlu jagħmel użu mis-Salib Bażilikali bi tliet transversi, mit-tintinnablu u mill-Umbrellun aħmar u isfar.

18. Il-Kolleġġjata ta' Birkirkara għandha l-preċedenza fuq il-Parroċċi u l-Kolleġġjati l-oħra kollha ta' Malta u Għawdex.

19. Għad li uħud mis-suċċessuri tiegħu kienu Proto-Nutari Apostoliċi wkoll, iżda l-Fundatur Borgia kellu s-setgħa li jagħti t-

tonsura u l-erba' Ordnijiet Minuri. Ukoll barra mill-Knisja, huwa kien jilbes bħal Isqof.

20. Bħall-Monsinjuri tal-Kattedral, il-Membri tal-Kapitlu Elenjan sa mill-bidu nett kienu ndirizzati bħala Kanonċi Kapitolari.

21. Il-Kanonċi, anki waqt li jkollhom fuqhom l-abiti korali u r-rużetta, jilbsu l-berettin ġewwa l-Knisja wkoll.

22. Il-Kanonku Kantur jagħti l-intonazzjoni lill-Prepostu fil-Primi Vespri, kif ukoll waqt il-Quddiesa solenni Prepożitali, bħalma l-Kantur tal-Kattedral jintona lill-Isqof waqt il-Pontifikali solenni.

23. Il-mota solenni ta' qabel it-Transulazzjoni lejlet il-Festa ta' Santa Liena tintemm x'ħin jordna l-Prepostu ("*ad arbitrium Rev.mi Can.ci Praepositi*"). Dan il-privileġġ jista' jużah drabi oħra wkoll.

24. Il-Prepostu għandu d-dritt li jiffunzjona f'ċerti festi stabbiliti matul is-sena, filwaqt li festi u funzjonijiet oħra jappartienu lill-Arċipriet. Fil-festi u l-ġranet l-oħra jiffunzjona l-Kapitlu permezz tal-Ebdomadarju.

25. Il-Prepostu għandu l-privileġġ li qatt ma jagħmilha ta' Ebdomadarju, u lanqas ma jqaddes personalment il-Quddiesa Konventwali. Privileġġ bħal dan igawdih l-Isqof biss.

26. Kull meta kien jitkanta l-Matutin solenni fil-Kor, il-Prepostu kien jagħmel użu minn privileġġ ieħor li l-Isqof biss għandu bħalu, u li kien magħruf bħala tal-"*Jube Domine benedicere. Amen.*"

## DRITTIJIET U PREMINENZI

Birkirkara tgawdi wkoll minn diversi drittijiet u preminenzi, li għalkemm jistgħu jitqiesu wkoll bħala Privileġġi, iżda qed jiġu elenkati għalihom. Insemmu hawn dawn li ġejjin:

1. Fl-Ingress solenni ta' l-Arċisqof ġdid ta' Malta, mill-Kapitli Kolleġġjati kollha huwa biss il-Kapitlu ta' Birkirkara li jieħu parti uffiċċjali wara li jkun ġie mistieden fl-Editt ta' qabel l-Ingress. Fil-lejla ta' qabel, il-Kapitlu jilqa' 'il-Isqof għand il-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat; u mbagħad l-għada il-Prepostu u l-Kanonċi jlibbsuh l-Abiti Pontifikali qabel jidħol fil-Belt ta' l-Imdina, u jieħdu sehem fl-isfilata li ssir. Wara l-funzjoni, huma jibqgħu wkoll bi dritt għall-ikla ta' l-okkażjoni.

2. Il-Kanonċi għandhom id-dritt tal-Guspatronat attiv, jiġifieri li huma stess jagħżlu mhux biss lill-Kanonċi l-ġodda iżda lill-Prepostu wkoll li wara jiġi kkonfermat mis-Santa Sede. L-għażla tal-Kanonċi Onorarji tinsab f'idejn il-Kapitlu wkoll.

3. Qabel ma l-Parroċċa Elenjana saret Kolleġġjata fl-1630, il-Kappillan u l-Kleru ta' Birkirkara, flimkien ma' dawk tan-Naxxar, kellhom il-preċedenza fuq il-Parroċċi għal kull okkażjoni.

4. Il-Kapitlu Elenjan, bl-awtorità tiegħu stess, jirregola d-daqq tal-qniepen tal-Kolleġġjata għal kull okkażjoni.

5. Bħalma kien ġie stabbilit fis-Sinodu Djoċesan, il-purċissjoni ta' nhar "*Corpus Domini*" fil-għodu tista' ssir f'Birkirkara, u fil-Kattedral ta' Malta u Għawdex, u fil-Birgu biss. Fil-Parroċċi l-oħra għandha ssir il-Ħadd fost l-Ottava.

6. Għal xi żmien, il-Prepostu u l-Kanonċi kienu jaħtru l-Kuġituri tagħhom, li imbagħad kienu jiġu approvati mis-Santa Sede. L-istess Fundatur Borgia kien ħatar għalih żewġ Kuġituri bid-dritt tas-suċċessjoni.

7. Meta jsir Kanonku Onorarju ġdid, jew meta Kanonku jopta jew igħaddi minn prebenda għal oħra, il-Pussess jieħdu minn idejn il-Prepostu. Hekk ukoll, Prepostu ġdid jieħu l-ġurament li josserva l-Istatuti u d-drittijiet tal-Kolleġġjata minn idejn id-Dekan.

8. Ir-Rappreżentanti leġittmi tal-Poplu ta' Birkirkara għandhom id-dritt li jressqu l-ilmenti tagħhom quddiem l-ogħla Qrati tal-Knisja f'Ruma. Dan id-dritt użawh s'issa għall-inqas fi tliet okkażjonijiet.

9. Il-Kaptan u l-Kurunell tar-Riġment ta' Birkirkara kellhom is-Sedja tagħhom tal-ġewż u bil-brazzi ġewwa l-Kolleġġjata. Imbagħad meta aktar tard Birkirkara kellha s-Sindku tagħha, dan ukoll kien ġie mogħti d-dritt għal siġġu miksi bil-ġild f'post prominenti fl-istess Kolleġġjata għal waqt funzjonijiet sagri.

10. Fil-purċissjoni ta' San Girgor kien ġie stabbilit li l-Kanonċi ta' Birkirkara kellhom jimxu fuq ix-xellug ta' l-Isqof, filwaqt li dawk tal-Kattedral jimxu fuq il-lemin.

11. Il-Prepostu għandu d-dritt li jsejjaħ laqgħa tal-Kapitlu kuljum minbarra nhar ta' Ħamis. F'dan il-jum huma l-Kanonċi l-oħra li jmiss lilhom dan id-dritt.

12. L-Istituzzjoni tal-Kanonċi l-ġodda, wara li jkunu ġew maħtura mill-Kapitlu, tappartieni lill-Granmastru, u mhux lill-Isqof ta' Malta.

13. Il-Kanonċi għandhom id-dritt li, flimkien mal-Prepostu-Arċipriet, jamministraw il-beni tal-Kolleġġjata.

14. Il-Kapitlu għandu d-dritt u s-setgħa li jinterpreta hu nnifsu kull dubju li jista' jinqala' dwar l-esekuzzjoni tal-Fundazzjoni Pjerina.

15. Il-Kapitlu ta' Sant'Elena huwa l-uniku wieħed li ġie meħlus minn kull setgħa fuqu mill-Arċisqof ta' Malta u l-Metropolita ta' Palermo, u ġie mqiegħed dritt taħt is-Santa Sede ("*nullius dioecesis*") u jiddependi direttament mill-Papa.

Privileġġ ieħor veskovili ("*quod competit Episcopis dumtaxat*") huwa dak li jgawdi l-Prepostu fejn wara li l-Purċissjoni ta' Sant'Elena filgħodu tidħol lura fil-Knisja, iċ-Ċelebrant jibqa' fuq il-Presbiterju fejn jiġi mlibbes u jagħti bidu mill-ewwel għall-Quddiesa solenni Prepożitali (minflok li joħroġ imlibbes mis-Sagristija bħaċ-Ċelebranti l-oħra kollha).